SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tnax - il laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru fit-8:15 ta' filghodu fl-Ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | John Mercieca<br>Mikelina Mercieca<br>Rose Vella |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku Anthony Formosa.

**2.0 Minuti**

2.1 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

2.2 Il-kunsilliera Rose Vella gibdet l-attenzjoni ghal punt 2.3 mill-minuti tal-laqgha ta' qabel fejn talbet konferma li dwar id-decizjoni tal-passagg ma ttihditx votazzjoni. Kien hemm konferma dwar dan u li waqt l-ahhar laqgha, l-unika votazzjoni li ttiehdet kienet dik dwar ix-xiri tal-post tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku Anthony Formosa hawnhekk irrefera ghal xi ghajdut li qed jixxerdu dwar nuqqas ta' fondi ghal progett tal-pjazza. Huwa semma li ser jinvestiga u jista' jkun il-kaz li jtella xi nies il-qorti ghal-malafama.

**3.0 Approvazzjoni tal-Offerta tal-fanali tal-pjazza taht il-Mizura 313**

3.1 Is-Segretarja semmiet li ghal din l-offerta ntefghet offerta wahda biss minghand is-Sur Richard Cauchi. Ghalhekk f'dan ir-rigward l-Enginier Mario Galea kien mistieden ghal-laqgha biex jaghti spjegazzjoni ezatta dwar xi dwal ser isiru u kif ukoll dwar l-ghazla tal-mudell tal-fanali minn dawk sottomessi fl-offerta. L-Inginier spjega d-disinn tad-dawl tal-pjazza u semma li huwa mqassam tajjeb b'tali mod li d-dawl ser ikun ibbilancjat u l-pjazza ser tkun imdawwla sewwa. L-evaluation board ghazel l-orhos option li hija compliant. L-equipment provdut fl-offerta hu kopert b'garanzija ghal sentejn. Id-dawl ser ikun bajdani. Il-Kunsill iddiskuta l-options provduti u l-ghazla tieghu waqghet fuq l-option B ghal prezz ta' €74,863 li jkopri s-supply tal- light fittings supply, provizjon tal-funtana u l-installazzjoni u provizjon tad-dawl tal-isqaqien. Bhala xoghol ta' stallazjoni ghandu jigi wzat il-kuntratt li ghandna mal-kuntrattur tal-

SAN LAWRENZ

diversi ncentivi. Il-Kunsill qabel li ghandu jgedded il-kuntratt mal-Green MT.

**7.0 Attivitajiet fid-Dwejra**

7.1 Is-sindku rrefera ghall-permessi ta' tigijiet u cerimonji ta' zwieg li jsiru fid-Dwejra u ghat-talbiet ta' xi zewg zwigijiet li ghadhom kemm dahlu fil-Kunsill sabiex il-kunsill jaddotta l-pozizzjoni tieghu. Il-Kunsill huwa tal-opinjoni li c-cerimonji taz-zwieg jistghu jsiru fin-naha ta' fuq izda ghar-ricevimenti u ikliet sar qbil li jsiru fin-naha t'isfel u l-passagg ma ghandu jinghalaq qatt bhala access. Sar qbil li ghandna naraw il-veduti tal-MEPA f'dan ir-rigward peress li l-permessi l-ewwel li jridu jigu approvati huma minghand il-MEPA. Gie ssuggerit li ghandha ssirilhom kundizzjoni li jarmaw u jzarmaw fi zmien nofs siegha.

**8.0 Materji ohra**

8.1 Is-Sindku rrefera ghall-problema tad-drenagg li ltaqghu maghha waqt it-thaffir fil-progett tal-pjazza. Huwa semma; li qed jirrizulta li hemm si sadd x'imkien u jista jkun il-kaz li jkollhom iqattghu fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li ma jistax jkun li jaccetta li jassorbi l-ispiza hu. Ghalhekk sar qbil li ghandha ssir laqgha urgenti bejn il-partijiet ikkoncernati.

8.2 Il-kunsilliera Rose Vella proponiet sabiex tigi organizzata laqgha ohra tas-sottokumitat tal-anzjani.

8.3 Il-Vici Sindku rrefera ghat-talba sabiex issir barrier fi sqaq fi Triq it-Torri. Is-sindku propona li jmorru flimkien mal-perit sabiex naraw jekk hix vijabbli li ssir.

Il-laqgha ntemmet fl-ghaxra ta' filghodu.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*

SAN LAWRENZ

manutenzjoni tal-street lighting li jipprovdi ghal dawn ix-xogholijiet. Hawnhekk is-segretarja talbet stima dettaljata lill-Inginier Mario Galea tax-xogholijiet involuti.

### 4.0 Approvazzjoni tax-xiri ta' airconditioner ghall-progett PANACEA

4.1 Ghax-xiri tal-airconditioner tal-Panacea, harget sejha ghall-istimi u ntefghu hames stimi. L-Enginiera Galea Curmi, li huma l-enginiera li preparaw l-ispecifications evalwaw l-istimi mitfugha u rrakkommandaw (skond ir-rapport sottomess fil-laqgha) li l-ghazla taqa' fuq il-kumpanija Solar Engineering Ltd li huwa l-ohros prodott kompatibbli mal-ispecifications ghal prezz ta' €1850.

### 5.0 Approvazzjoni tat-tender tal-generator tal-progett PANACEA

5.1 Wara li l-bord tal-Evalwazzjoni evalwa l-offerta mitfugha ghax-xiri tal-generator li kienet wahda bis minghand A Falzon Ltd ghall-prezz ta' €21,046.08,irrizulta li l-ammont mitfugh jaqbez il-budget provdut mill-progett. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jistharreg jekk jistax igib approvazzjoni li jinnegozja l-prezz mas-supplier ghal dak fil-parametri tal-budget ghax ma fadalx zmien li terga tohrog offerta ghax tigi barra l-claim period tal-progett u hemm cans kbir li l-fondi li hemm allokati ghalih jintilfu. Sar qbil ghalhekk li ghandna naraw x'soluzzjoni tista tohrog immedjatament u l-Kunsill ghandu jerga jiltaqa' b'urgenza fuq dan ir-rigward.

### 6.0 Offerta tal-Gbir tal-iskart

6.1 Is-Segretarja rreferiet ghall-prezzijiet mitfugha fl-offerti tal-gbir tal-iskart li nhargu mill-Kunsilli Lokali ta' l-Gharb, l-Ghasri u San Lawrenz li huma kif gej:-

| | |
|---|---|
| KIP | €65.81 |
| Anthony Mercieca | €56.90 |
| Nicholas Zammit | €69.00 |

6.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsill ghandu jipprocedi bl-evalwazzjoni tal-offerta bil-hatra tal-evaluation bord maghzul mit-tlett kunsilli. Il-bord ser ikun kompost mis-Sur Paul Zahra, min-Nutara Josette Spirtei Cauchi u mill-avukat Dr. Joshua Grech. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob li l-prezzijiet jigu maqsuma pro-rata skond il-households jew il-popolazzjoni. Kemm il-darba jidher li mhux ser jintlahaq ftehim ghandna nohorgu minn din l-offerta.

6.3 Is-Segretarja rreferiet ghall-kuntratt li l-Kunsill ghandu mal-Green Mt rigward it-tbattil tal-bring in-sites u l-iskart riciklat li huwa bla hlas u l-Kunsill jigbor is-somma ta' €30 fil-gimgha minghand l-istess kumpanija. Il-Kuntratt issa wasal biex jiggedded u l-Kumpanija lesta li taghti